MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 473/2012

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

**Gilbert Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Gilbert Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

A. Talli nhar l-14 ta' Jannar, 2007, ghal habta ta' nofsinhar, gewwa l-'ground' tat-Tarxien Rainbows, li jinsab fi Triq San Frangisk, Hal Tarxien, filwaqt li kienet qed tintlab loghba football bejn it-team Imgarr Falcons u Fgura F.C. minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' James Vella mill-Fgura f'periklu car, ikkagunalu ferita' ta' natura gravi, kif iccertifika Dr. Mark Attard M.D. tad-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa u Dr. Aldo Fiorini M.D. (Medical Warrant No 1453) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita gabet mankament jew sfregju fil-wicc bi ksur ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B. Talli fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' James Vella sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C. Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu

6(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 dwar Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta’ l-Isports.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tipprojbixxi lill-imputat milli jattendi f’xi ground ta’ l-isport u dana kif mitlub fl-artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 Dwar ir-Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta’ l-Isports.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti ma sabitx hati lill-imputat u liberatu minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-18 ta’ Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif migjuba quddiemha u li fil-fatt wassalha ghall-helsien tal-imputat mill-akkuzi migjuba kontrih. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Illi qabel xejn jinghad li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-persuna mputata. F'dan il-kaz, l-esponent umilment itenni li l-provi prodotti kienu juru bic-car illi dan kien kaz ta' vjolenza ezercitata matul il-kors ta' loghba football, minn player fir-rigward ta' player iehor, f'kuntest fejn din il-vjolenza kienet ir-rizultat u l-qofol ta' kuntrasti u battibekki li kienu pperduraw matul il-kors tal-loghoba u fejn tali vjolenza sehhet mhux waqt azzjoni agonistika, izda l-boghod minn fejn kien qed jintlaghab il-ballun dak il-hin fejn inghatat id-daqqa. Bid-dovut rispett din id-dinamika tal-incident hija kollha sorretta mill- provi prodotti f'dan il-kaz. James Vella jindika bic-car li

kien hemm kwistjonijiet ghaddejjin bejnu u bejn l-imputat appellat li kien qed jilghab mat-tim li kien qed jitlef b'mod pjetuz din il-loghba bi score ta' 5 - 0. Kien l-imputat appellat li ghamel foul (tackle) fuq James Vella u dan gibed l-attenzjoni tal-linesman. Anzi wara dan il-foul kien hemm battibekk bejniethom u l-imputat appellat ta' daqqa ta' harta lil James Vella. Hemmhekk James Vella rega gibed l-attenzjoni tal-linesman ghal dan u talbu joqghod attent ghall-imputat appellat. Kien wara dan li l-imputat appellat hebb ghal James Vella billi tah id-daqqa fuq wiccu, Ghalkemm James Vella jiddiskreviha bhala daqqa ta' ponn, minn provi ohra (bhad-deposizzjoni ta' Silvio Tanti) jirrizulta ampjament li din kienet daqqa ta' minkeb. Fil-fatt minhabba din id-daqqa li ta l-imputat appellat fuq wicc James Vella l-linesman gibed l-attenzjoni tar-referee u dan kecca lill-imputat appellat mil-loghba. Jirrizulta mir-rizultanzi medici li konsegwenza ta' din id-daqqa James Vella sofra frattura tal-imnieher.

2. Karl Magro ma rax l-incident isehh pero' jikkonferma fatt importanti li meta l-incident sehh huwa kien « qieghed in-naha l-ohra tal-pitch qed nippartecipa fl-azzjoni cioe' kont fejn qieghed il-ballun. It-team tieghi kien qieghed jattakka dak il-hin u jiena kont ftit il-boghod minn fejn kien qieghed isir l-attakk. James Vella ma kienx qed jippartecipa fl-azzjoni dak il-hin». James Vella, attakkant, ma kienx qieghed fejn l-azzjoni dak il-hin, anzi kien in-naha l-ohra tal-pitch! Altru milli kien qed jippartecipa fl-azzjoni agonistika dak il-hin!

3. Raymond Vella, missier James Vella, ighid li ghalkemm ma rax l-incident, jikkonferma li fil-mument tal-incident «f' dan il-mument l-azzjoni kienet qeda n-naha l-ohra ta' fejn kien jinsab it-tifel tieghi. L-assistant referee xejjer il-bandiera biex jigbed l-attenzjoni tar-referee biex ikellmu ».

4. Alfred Bradick jghid li « lejn l-ahhar tal-partita gara incident li ahna nsejhulu off the ball fis-sens li l-azzjoni tkun qed tigri fuq in-naha l-ohra tal-ground u jigri ncident in-naha l-ohra tal-ground. Rajna player tar-Rovers United mal-art u ir-referee wera l-karta l-hamra lill-plejer tat-tim oppost ... »

5. Mario Briffa jghid li meta l-iscore kien 5-0 favur ir-Rovers United, f'nofs it-tieni taqsima, u ghalhekk lejn l-ahhar tal-partita, «il-ballun kien qed jintlaghab fil-corner fejn konna qed niddefendu ahna. Smajt storbju u kommozzjoni, min-nofs il-ground cioe' minn naha l-ohra ta' fejn kienet l-azzjoni. Jien meta harist rajt plejer tat-tim taghna ma' l-art u players imdawrin mieghu ».

6. Aktar importanti hija d-deposizzjoni tal-assistant referee Silvio Tanti. Dan jghid hekk: «Nghid illi waqt il-partita jiena nnutajt waqt li l-azzjoni kienet fuq in-naha l-ohra tal-ground, kien hemm zewg (2) players ghaddejjin rna' xulxin li ma kienux fin-naha ta' l-azzjoni ... Nghid illi waqt il-partita diga kien hemm battibekki verbali bejn dawn iz-zewg (2) players u ghalhekk jiena kont qieghed attent ghalihom. Jiena rajt lil Gilbert Grech jaghti daqqa bil-minkeb lill-player l-iehor. Jiena sejjaht lir-referee sabiex jiehu l-provvedimenti opportuni. Jiena rajt lil Gilbert Grech jolqot lill-player l-iehor bil-minkeb f'wiccu. Jiena kont distanza ta' bejn wiehed u iehor ghaxar (10) metri 'l boghod minn fejn kienu dawn iz-zewg players ... Waqt illi nqala dan l-incident li qed nispjega dwaru kont qieghed hdejn il-linja tan-nofs tal-ground bejn wiehed u iehor. L-azzjoni, cioe' fejn kien qed jintlaghab il-ballun kienet madwar tlett kwarti tal-ground in-naha l-ohra. Nghid illi z-zewg (2) players li qed nixhed dwarhom, cioe' l-imputat u il-player l-iehor, kienu fil-vicinanzi ta' nofs il-ground».

Huwa car minn din id-deposizzjoni li :

(a) dan ix-xhud kien assistant referee li kien allura attent ghal dak li jkun qed jigri matul il-loghoba u jrid jara li l-loghoba tintlaghab skont ir-regolamenti;

(b) huwa kien diga' nnota li kienu ghaddejjin battibekki verbali bejn dawn iz-zewg players minn qabel ma sehh l-incident. Dan fil-fatt jikkorrobora dak li qal James Vella meta kien qed jixhed quddiem il-Qorti;

(c) minhabba f'dan il-battibekk huwa kien mohhu fil-mod ta' kif kienu qed igibu ruhhom u ghalhekk ipprestalhom attenzjoni akbar ghaliex deherlu li s-sitwazzjoni ta' bejniethom kienet ta' tensjoni tali li hass li kellu joqghod attent ghalihom aktar milli ghall-players l-ohra ; (d) Huwa jikkonferma li ra b' ghajnejh lil Gilbert Grech jaghti daqqa bil-minkeb lill-player l-iehor - u ma jghidx li din id-daqqa nghatat matul xi azzjoni agonistika bejniethom - anzi jirrizulta minn din id-deposizzjoni li l-azzjoni, cioe' fejn kien qed jintlaghab il-ballun kienet madwar tlett kwarti tal-ground in-naha l-ohra. Jigifieri huwa altament inverosimili li l-imputat appellat sernpliciment laqat accidentalment lil Jarnes Vella matul il-kors ta' xi attakk jew f'mument agonistiku bejniethom bhala difensur u attakkant;

(e) Dan il-fatt huwa kkonfermat minhabba li meta sehh l-incident l-azzjoni kienet qed issir in-naha l-ohra tal-ground u mhux fejn kienu jinsabu l-imputat appellat u il-vittma. Tant hu hekk li dan jikkonferma ghaliex hafna mix-xhieda ma rawx l-incident isehh precizament ghaliex dawn in-nies li kienu qed isegwu l-loghoba mohhhom kien iffukat fuq

fejn kienet qed tizvolgi l-azzjoni, u cioe' fuq in-naha l-ohra tal-ground minn fejn kienu l-imputat appellat u l-vittma fil-hin li nqala' l-incident.

7. Dan huwa wkoll konfermat minn David Zammit, li kien assistant referee (u mhux referee kif jinghad fit-traskrizzjoni) f'din il-partita, u li kien qieghed isegwi l-azzjoni « fuq in-naha tieghi, kont qed insegwi l-offside, meta smajna l-ghajjat minn barra u cioe' minn wara l-fence. Jiena harist x'kien qed jigri, rajt persuna bid-demm u rajt lill-assistant referee l-iehor jaghmel sinjal jigbed l-attenzjoni tar-referee ».

8. Grenn Tonna, li kien it-referee f'din il-partita jghid li kien qed isegwi l-azzjoni tal-ballun meta nqala l-incident: «Dahri kien lejn nofs il-ground, naf illi nqalgha xi ncident iehor izda jiena ma rajt xejn ghax kif spjegajt dahri kienet lejn nofs il-ground ». Dan jikkorrobora dak kollu li qalu x-xhieda kollha li l-azzjoni bil-ballun kienet fuq naha differenti minn fejn inqala l-incident.

9. Huma biss l-imputat appellat, misseru Paul Grech u ommu Pauline Grech li jaghtu verzjoni differenti tal-incident, Paul Grech - kontra dak kollu li jghidu x-xiehda l-ohra - jikkolloka dan l-incident fil-post fejn kienet l-azzjoni bil-ballun - anzi jghid li l-incident inqalaprecizament waqt li kien hemm l-azzjoni ghaddejja bil-ballun, Dan jghid hekk - « Anzi nispecifika, jiena rajt l-ballun gej u rajt liz-zewg (2) players ghaddejjin flimkien joghlew ghal ballun. Jiena smajt lill-missier il-player l-iehor jghajjat u daqshekk. Jien rajthom it-tnejn (2) joghlew ghal ballun u ma rajt xejn iktar ». Daqshekk jaf ighid dan ix-xhud li kien barra mill-ground, barra l-karozza isegwi din il-partita f'zewg tulijiet tal-awla numru 9 l-boghod mill-azzjoni u f'mument fejn meta sehh l-incident allegatament iz-zewg players kienu daharhom lejh! Interessanti li ma jispecifikax li wiehed minn dawn il-players li rah joghola kien ibnu - jirreferi ghalihom biss bhala « players» minghajr ma nafu min, skont dan ix-xhud kienu dawn il-players li skontu gholew it-tnejn li huma!

10. Omm l-imputat appellat, inzerta li kienet fil-karozza barra mill-ground u din minn hemmhekk tinghaqad ma' zewgha u tghid li « Jiena rajt lil zewg (2) players joghlew ghal ballun, anzi nghid xi players joghlew ghal ballun, izda ma nafx x' gara aktar. Kull ma naf li smajt lill-player James Vella jghajjar lil ibni u jsemmi lili b'hafna dagha » ...

11. Gilbert Grech ma jaqbilx mal-verzjoni moghtija minn ommu u missieru. Huwa jghid li kien hu biss li ghola ghall-ballun u l-player l-iehor, James Vella, ma gholiex ghalih! Anzi jghid li hekk kif kien qed jaghmel din l-allegata manuvra « Jiena ftaht forsi jdejja u lqattu, ma nafx fejn ilqattu nahseb ilqattu f'imniehru ».

12. Bid-dovut rispett, l-esponent jidhirlu li mill-kumpless tal-provi migbura u sintetizzati fedelment aktar 'il fuq il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setghet qatt legittimanent u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni milhuqa minnha. Kor shih ta' xhieda jtennu li l-incident ma sehhx fil-mument fejn kienet qed issir l-azzjoni bil-ballun, izda n-naha l-ohra tal-ground. Dan imur dijametrikament oppost ghall-verzjoni in parti nkonklussiva u in parti kontradittorja moghtija mill-imputat appellat u mill-genituri tieghu. Apparti minn hekk xhud okulari attent ghall-imgieba bejn l-imputat appellat u il-vittma, Silvio Tanti jghid li huwa ra b'ghajnejh stess lill-imputat appellat jaghti d-daqqa ta' minkeb lil James Vella. L-esponent jidhirlu li dan ix-xhud tant hass li din l-azzjoni kienet mhux f'lokha u li ma kienetx sempliciment incident jew konsegwenza agonistika matul il-kors ta' loghoba football li ha azzjoni mmedjata biex jigbed l-attenzjoni tar-referee biex jiehu l-azzjoni dixxiplinarja mmedjata fil-konfront tal-imputat appellat, kif fil-fatt sar billi tkecca mill-loghoba. Ix-xiehda ta' Gilbert Grech hija kontradetta ampjament u ghalhekk inverosimili. Anzi l-istess verzjoni ta' Gilbert Grech tikkontradici x-xiehda parzjali, inkonklussiva, inkompleta u inkorroborata ta' ommu u missieru. Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent, dik il-Qorti ghamlet apprezzament irragjonevoli u zbaljat tal-provi migbura u migjuba quddiemha, sforz ta' liema apprezzament l-imputat appellat spicca li gie liberat minn dawn l-akkuzi ingustament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem

iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan il-kaz jirrigwarda loghoba football fejn l-appellat Gilbert Grech u il-midrub James Vella kienu zewg players ma teams opposti. Gara li waqt din l-istess loghoba James Vella sofra griehi ta' natura gravi peress li spicca b'fattura nasali. Kif inghad aktar 'il fuq u fis-sentenza appellata dan il-fatt gara billi z-zewg players kienu b'kuntatt ma xulxin minhabba li wiehed kien attakkant u l-iehor kien difensur. Mill-provi prodotti jirrizulta li qabel ma gara l-incident meritu ta' dan il-kaz Gilbert Grech kien dahal iebes fuq James Vella. James Vella, min-naha tieghu lmenta mal-assistant referee li beda joqghod attent ghal dak li setgha jinqala. Dan kien incident agonistiku fil-kors tal-loghoba u kwindi ghalkemm seta' kien hemm dahal iebsa da parti tal-appellat hu parti ntegrali tal-azzjoni agonistika u ma hemm xejn hazin.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li James Vella qala daqqa ta' minkeb li kosegwenza ta' tali daqqa garrab frattura f'imniehru. James Vella jghid li qala daqqa ta' ponn izda l-assitant referee, Silvio Tanti, li hu l-uniku xhud li ra l-azzjoni jghid li l-appellat ta daqqa ta' minkeb. Biex waslet ghall-konkluzjoni taghha,l-ewwel Qorti strahet fuq il-fatt li Silvio Tanti kien qal lill-ufficjal ta' wiehed mit-teams li hu ma kien ra xejn. Ghalhekk, ikkonkludiet li kien hemm konflitt ta' provi. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda konflitt ghaliex Silvio Tanti cahad li hu kien tkellem ma Mario Briffa. L-istess Mario Briffa xehed li wiehed mill-assistant

referees kien qallu li ma ra xejn. Imkien ma hemm xi referenza ghal Silvio Tanti. Fil-fatt hu minnu li l-assistant referee l-iehor, David Zammit, ma kien ra xejn. Ghalhekk, ix-xhieda ta' Silvio Tanti hi veritjera u ma hemm ebda konflitt.

Illi t-tezi ta' Gilbert Grech, l-appellat, hi li hu veru li laqat lil James Vella bil-minkeb izda dan gara waqt azzjoni ta' loghob. Din il-versjoni hi wahda nveritjera ghall-ahhar. L-ebda wiehed mix-xhieda prodotti ma jpoggi lill-appellat f'pozizzjoni li hu kien qed jiehu parti f'azzjoni ta' loghob. Dak li gara, gara 'off the ball'. Kieku dak li gara kien waqt azzjoni wiehed kin ikun korrett li jasal ghall-konkluzjoni li ma hemm ebda konsegwenza ohra ghajr is-sanzjoni tar-referre. F'dan il-kaz l-appellat tkecca. Azzjoni 'off the ball' jista jirradika responsabilita' kriminali ghaliex dawn it-tip ta' azzjonijiet huma premeditati u maghmula bl-intenzjoni li persuna twegga lill-ohra. Ghall-komplettezza tal-hsieb jista' jkun hemm azzjonijiet ta' loghob li jkunu tant sproporzjonati li jistghu jwasslu wkoll ghall-responsabilita' kriminali. Fil-kaz in ezami, l-azzjoni kienet 'off the ball' u id-daqqa bil-minkeb kienet wahda intezjonata biex twegga.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell tal-Avukat Generali. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Gilbert Grech hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 216(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Tikkundanna lil Gilbert Grech ghal piena ta' tlett xhur prigunerija. Rat il-fedina penali netta ta' Gilbert Grech. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk Gilbert Grech jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sena mil-lum. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz mhemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 dwar Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-Isports.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------